**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI IŻ-ŻURRIEQ**

**L-GĦAXAR LEĠISLATURA**
**LAQGĦA NUMRU TLIETA U GĦOXRIN**

**25 TA' MARZU, 2026**

**Il-Kunsill Lokali Iż-Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Iż- Żurrieq Fl-18:00 ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u l-Kunsilliera s-Sinjura Marisa D'amato, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur Kyle Mifsud, s-Sur Dino Bonnici, s-Sinjorina Marylyn Sammut, s-Sur Jeremy Coleiro u s-Sur Daniel Muscat.

**SKUŻAT**

Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia

**ASSENTI**

-

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **23.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 23.1.1 | | Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia informa li ma setgħax jattendu minħabba impenji ta' xogħol. **Dok 1 mehmuż.** |
| | | |
| **23.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 23.2.1 | | Il-minuti numru 22 ġew approvati. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| ***23.3*** | | ***Komunikazzjoni mis-Sindku*** |
| | | |
| 23.3.1 | | Is-Sindku qalet li:<br>• Tifraħ lill-Kunsillier Marisa D'Amato għax ħadet premju prestiġjuż barra minn Malta. Hi għamlet unur liż-Żurrieq u lill-Malta.<br>• Tifraħ lill-Jeremy Farrugia għall-post li għamel dedikat lir-Reġina tal-Ingilterra.<br>• Tifraħ lill-Carmen Camilleri li saret is-Segretarja Ġenerali tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepji. |
| | | |
| 23.3.2 | | Is-Sindku qalet li l-bieraħ kellha laqgħa mas-Sur Daniel Cauchi fuq 'Minn Pjazza għall-Pjazza'. Infurmat lill-Kunsill li għal dan avveniment, applikaw iż-żewġ soċjetajiet tal-banda, PN, PL (l-applikazzjoni għadha ma waslitx, għandha tasal għada), Football club, Scouts, Zurrieq Wolves, Boċċi Club, Abbatini u Youth Fusion. Is-Sindku għaddiet l-applikazzjonijiet kollha lil min hu kkonċernat u ser ikunu huma li jaraw min hu eleġibli. Dawk l-attivitajiet li jiġu eleġibli ser ikunu f'isem Iż-Żurrieq. Id-data tal-attivitajiet li ser isiru ser tkun l-4 ta' Ottubru. Ser tingħata data alternattiva jekk ikun il-maltemp. Is-Sindku ssuġġeriet li l-isem ta' l-attivita jkun 'Wirt iż-Żrieraq, tradizzjoni, arti u volontarjat'. Kien hemm qbil fuq dan. |
| 23.3.3 | | Is-Sindku qalet li l-Kunsill jista jibda joħroġ l-applikazzjoni ta' Ġieħ iż-Żurrieq u jgħalqu sal-aħħar ta' April. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 23.3.4 | | Fir-rigward tas-suġġett 'Wied iż-Żurrieq', is-Sindku tkellmet ma' studjuż fuq iż-Żurrieq u qassmet *write up* li ta dan l-istudjuż.<br>Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-ktieb stess li ħareġ il-Kunsill 'Iż-Żurrieq u Sbuħitu' jgħid biċ-ċar li Wied iż-Żurrieq jagħmel maż-Żurrieq. Dan l-item għandu jerġa jitla f'seduti aktar 'l quddiem. |
| | | |
| 23.3.5 | | Is-Sindku qalet li ħadmet fuq il-każ tal-monti.<br>Għada filgħodu ser jingħataw ittra lill-bejjiegħa tal-monti li qed jipparkjaw quddiem il-garaxxijiet biex jitressqu aktar 'l isfel lejn il-ħanut tal-antikita. Ġie ssuġġerit u kien hemm qbil, li minflok fejn il-ħanut tal-antikitajiet, imorru fi Triq Carmelo Caruana. |
| | | |
| ***23.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| | | |
| 23.4.1 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li:<br>• Triq Morhou ma' Triq Nardu Sacco issir tabella tal-qtates. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Saret sleeping policeman fi Triq Serafin M Zarb li ma tagħmilx sens u żiedet tgħid li aħseb u ara x'ser jitolbu meta jsir il-kumpless li hemm pjanat li jsir. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 23.4.2 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal:<br>• Biex jinħaslu l-poles ta' Vjal il-Blue Grotto.<br>• Biex jinħaslu l-mirja tat-toroq<br>• Bejn iċ-ċint ta' Vjal il-Blue Grotto u l-grawnds tal-football hemm ħafna ħaxix selvaġġ u jintefa' l-velenu tal-ġrieden.<br>• Ġnien il-Kunsill tal-Ewropa jridu jitnaddfu l-globi u jiġu miżbura s-siġar. Għandhom jitħawlu xi fjuri ukoll. Il-pompa tal-ilma tal-ġnien qed tagħmel ħoss partikolari.<br>• Biex jitqawwa d-dawl f'Misraħ Repubblika |
| 23.4.3 | | Il-Kunsillier Marylyn Sammut :<br>• Triq Ħal Far reġgħet inqalet għal 3 darbiet.<br>• Vjal l-Indipendenza hemm kurduna mis-soft area imkissra.<br>• Il-bust tat-tabiba Sciberras għadu ma sarx. Is-Sindku qalet li ser terġa tkellem lill-FSWS fuq dan il-każ.<br>• Konna tlabna traffic management lill-TM fuq Triq Zakkarija Ronkali. Kien hemm qbil li nerġgħu nibagħtu tfakkira. |
| | | |
| 23.4.4 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal:<br>• parkeġġ fi Triq San Bartilmew bil-poles ħadem bil-miżuri li ħa l-Kunsill. Imma lill-familja l-oħra li toqgħod fil-viċin, il-Kunsill għadu ma ħax azzjoni fuqha. Jissuġġerixxi li l-Kunsill jagħmel junction box quddiem ir-residenza tagħha u jekk jifdal spazju issir kaxxa ta' mutur.<br>• Jeħtieġ li jsir parkeġġ fi Triq San Bartilmew k/m Triq San David biex jiżdied parkeġġ li għalkemm ser ikun fil-kantuniera mhux ser ikun ta' ostaklu għal ħadd. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Triq Bronja fadal li jsiru l-marki tat-toroq wara li sar xogħol mill-WSC |
| | | |
| 23.4.5 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal:<br>• Ġiet ipproponuta 17 ta' Mejju għall-fira tradizzjonali Maltija fi Triq il-Kbira, li ser tkun tikkonsisti fost oħrajn f'tombla, raddiena u logħob tradizzjonali malti.<br>• Triq Santa Marija qed jipparkjaw vetturi kbar f'ċertu parkeġġ li qed ikunu ta' ostaklu. Kien hemm qbil li titwaħħal tabella biex ma jipparkjawx vetturi kbar fiha.<br>• Il-Car show ser issir fl-10ta' Mejju fi Vjal ix-Xarolla.<br>• Fi Triq 25 ta' Novembru jeħtieġ li fuq in-naħa tal-ħajt tas-sejjieħ issir double yellow lines. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***23.5*** | | ***Proġett ta' Misraħ Repubblika*** |
| | | |
| 23.5.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bieraħ 24 ta' Marzu, 2026, saret laqgħa mal-Perit William Lewis fuq il-proġett ta' Misraħ Repubblika. Kienu preżenti : Is-Sindku Rita Grima, l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia u l-Kunsilliera Marisa D'Amato, Kenneth Farrugia, Kyle Mifsud u Marylyn Sammut.<br><br>Intqalu dawn il-punti:<br><br>• Il-permess mill-PA ġie approvat (PA6820/22), wara l-laqgħat li kienu saru mal-għaqdiet u mal-pubbliku li kien qed jiġi għal-laqgħat.<br>• Il-perit qal li trid issir il-proċedura mal-BCA qabel jibda l-proġett<br>• Irid jibda jinħadem it-tender u jisiru aktar detail drawings.<br>• It-tender jieħu madwar xahar biex jinħadem u xahrejn oħra biex jiġi ppubblikat, u approvat l-offerent.<br>• Minn meta jibda x-xogħol jista jieħu madwar 4 xhur, jekk ma jkunx hemm intoppi ta' attivitajiet jew maltemp.<br>• Ix-xogħol jista jinqasam f'fażi jew isiru laqgħat mal-għaqdiet biex isiru l-aġġustamenti jew spustjar tal-attivitajiet.<br>• L-istima tal-proġett li għamel il-perit, approssimattiva, laħqet mal-550K.<br>• Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fondi, mill-fond Komunitajiet isbaħ hemm diġà 57,375E fl-accounts tal-Kunsill u hemm d-DPF ta' 913K. Dan kien parti mill-budget ta' kull sena sa mis-sena 2022.<br><br>Il-Kunsilliera Dino Bonnici u Kyle Mifsud qalu li l-Kunsill m'għandux fondi biex jagħmel il-Misraħ u l-proġett ta' Triq Gervase Matthew, flimkien.<br><br>Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li l-proġett tal-Misraħ hu prijorità.<br><br>Is-Sindku qalet li fl-10 ta' April, għandha laqgħa mal-kumpanija li ser tagħti sit lill-Kunsill fuq il-proġett ta' Triq il-Passju u ser tipprova tinnegozja biex jagħti xogħol fi Triq Gervase Matthew, minflok is-sit miftihem.<br><br>Il-Kunsillier Kyle Mifsud talab biex issir konsultazzjoni pubblika. Is-Sindku qalet li għalissa mhux ser terġa ssir konsultazzjoni oħra, ġaladarba il-permess tal-PA maħruġ.<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici ħassu diżappuntat għal fatt li l-kunsilliera f'isem il-meta huma ressqu sett ta' proposti validi – fosthom il-*un/loading bay* li jistgħu jintużaw mir-residenti tal-misraħ. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dak il-punt jista tintalab minn TM u jekk jiġi approvata issir.<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li la darba li l-Kunsill m'għandux fondi biex jiffinanzja dan il-proġett, kull fond għandu mur għall-proġett ta' Triq Gervase Matthew u l-proġett tal-misraħ isir meta l-Kunsill ikollu fondi biżżejjed biex jagħmel iż-żewġ proġetti. Il-Kunsillier Kyle Mifsud insista fuq li terġa issir konsultazzjoni mal-pubbliku. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li konvinta li meta l-Kunsill imur għand entitajiet li jistgħu jgħatu l-għajnuna għall-proġett ta' Triq Gervase Matthew, il-Kunsill ser jingħata.<br><br>Kien hemm qbil li l-proġett isir mill-maġġoranza tal-Kunsilliera. |
| | | |
| ***23.6*** | | ***Attivitajiet Sportivi minn Żurrieq FC*** |
| | | |
| 23.6.1 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-attivita sportiva li ser jagħmel il-klabb taż-Żurrieq FC. Dawn ser jagħmlu attivitajiet għat-tfal inqas fortunati minn tfal oħra. Din ser tinvolvi sports għal kulħadd li jieħdu sehem fiha tfal bl-awtiżmu u ADHD u diżabiltajiet oħra.<br>Sabu għajnuna minn diversi entitajiet. L-attivitajiet ser jibdew f'Settembru fil-grawnds ta' Triq Mons. P P Pullicino.<br>Hu jħoss li dawn it-tip ta' attivitajiet, il-Kunsill għandu jkun involut fihom billi jgħin kemm bil-midja soċjali u kemm b'arranġamenti finanzjarji. Issuġġerixxa li minflok iż-Żurrieq FC jingħataw mill-Kunsill is-somma ta' 800E fis-sena kif qed jieħdu bħalissa, jingħataw 300E oħra għal dan l-iskop.<br>Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| ***23.7*** | | ***Tiġrija taż-żwiemel fi Triq il-Belt Valletta*** |
| | | |
| 23.7.1 | | Hemm talba biex terġa issir it-tiġrija taż-żwiemel, fi Triq il-Belt Valletta. L-ispejjeż li kien involut fihom il-Kunsill fl-attivita' tas-sena 2025 kienu 8,217E fejn ġew maqsuma mal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop, minħabba li l-attivita' saret fiż-żewġ konfini.<br>Kien hemm qbil li għal din is-sena ma ssirx. |
| | | |
| ***23.8*** | | ***Skemi ta' Finanzjament 2026 (L-ewwel Parti)*** |
| | | |
| 23.8.1 | | Skemi ta' Finanzjament 2026 (L-Ewwel Parti)<br>• SPI.SCI.01.2026 - Finanzjament - Attivitajiet Kulturali Annwali 2026 (Data ta' l-għeluq – it-Tlieta, 14 ta' April 2026)<br>• SPI.SCI.02.2026 - Finanzjament - Lokalitajiet aktar nodfa 2026 (Data ta' l-għeluq – il-Ġimgħa, 8 ta' Mejju 2026)<br>• SPI.SCI.03.2026 - Finanzjament - Attivitajiet Milied 2026 (Data ta' l-għeluq – il-Ġimgħa, 29 ta' Mejju 2026).<br>• SPI.SCI.04.2026 – Finanzjament – Manutenzjoni Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali<br>• SPI.SCI.05.2026 – Finanzjament - Komunitajiet Aktar b'Saħħtihom u ta' Kwalita'<br>• SPI.SCI.06.2026- Finanzjament – Karnival 2027 |
| | | |

<table>
<tr><td>23.6.1</td><td></td><td>Skemi ta’ Finanzjament 2026 (L-Ewwel Parti)
<ul>
<li>SPI.SCI.01.2026 - Finanzjament - Attivitajiet Kulturali Annwali 2026 (Data ta’ l-għeluq – it-Tlieta, 14 ta’ April 2026)</li>
</ul>
<ul>
<li>Għal din l-attivita l-Kunsill Lokali ser japplika għal serata Muziko-Letterarja b'tema medjevali. Din is-serata tista tittella idealment Hal Millieri. L-ambjent u l-istorja marbuta ma dan il-post tidħol perfettament mat-tema.<br>Ġie pproponut li l-Kunsill ittella serata li tkun tinvolvi muzika, ikel u xorb kif ukoll spjega minn storiku dwar il-ħolqien ta' bini ta' l-istess epoka li għandna fir-rahal tagħna. U jsir reanactment permezz ta atturi, ibbazat l-istorja taż-Żurrieq u l-inħawi fi żmien il-medjuevu, tieġ Malti jew għarus u għarusa, il-fqar u in-nobli.</li>
<li>Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill japplika għal attivita’ oħra li tinkludi fira tradizzjonali li ser issir F’Mejju għall-Festa Żurrieq li ssir fl-okkażjoni ta’ Jum iż-Żurrieq. Kien hemm qbil fuq dan.</li>
</ul>
<ul>
<li>SPI.SCI.02.2026 – Finanzjament – Lokalitajiet aktar nodfa 2026 (Data ta’ l-għeluq – il-Ġimgħa, 8 ta’ Mejju 2026)<br>Kien hemm qbil li f’dan il-finanzjament l-Kunsill jingħaqad mar-Reġjun Punent fuq dalba konġunta ma’ Kunsilli Lokali oħra. Kien hemm qbil li l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali Iż-Żurrieq hi biex jinxtraw gaġġeġ kbar biex iservu ta’ reċiklaġġ għall-fliexken tal-plastik. Dawn ikunu spustjati f’postijiet diversi waqt kull attività li ssir fiż-Żurrieq. Il-fliexken tal-plastik li jkun fihom, jissarfu fi flus biex jintużaw għall-ikel tal-cat cafe.</li>
<li>SPI.SCI.03.2026 – Finanzjament – Attivitajiet Milied 2026 (Data ta’ l-għeluq – il-Ġimgħa, 29 ta’ Mejju 2026).</li>
<li>Kien hemm qbil li l-kunsill japplika fuq il-binarju tal-attivita tal-Milied li saret is-sena l-oħra. Ser ikun hemm l-istess attività.</li>
<li>SPI.SCI.04.2026 – Finanzjament – Manutenzjoni Sostenn ta’ Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali.</li>
<li>Għal din l-applikazzjoni ma ġietx mgħotija informazzjoni biex issir applikazzjoni.</li>
<li>SPI.SCI.05.2026 – Finanzjament - Komunitajiet Aktar b’Saħħtihom u ta’ Kwalita’ - Għal dan il-fond il-Kunsill ser jiddiskuti f’seduta oħra.</li>
<li>SPI.SCI.06.2026- Finanzjament – Karnival 2027 – kien hemm qbil li l-Kunsill japplika fuq il-binarju tal-attivita preċedenti tas-sena 2026.</li>
</ul></td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td></tr>
</table>

| | | |
|---|---|---|
| ***23.7*** | | ***Items oħra ta' xogħlijiet tal-Kunsill li jkunu meħtieġa.*** |
| | | |
| ***23.8*** | | ***Approvazzjonijiet : Xogħlijiet u Servizzi.*** |
| | | |
| 23.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet:<br>• Il-Kunsill kellu talba mingħand Hawker li jrid ipoġġi gabbana fi Vjal ix-Xarolla biex ibiegħ il-panini u softdrinks. Din il-gabbana qed jitlob li tibqa fil-post għal sena u jibqa jġedded jekk ikun sejjer tajjeb fin-negozju. Ma kienx hemm qbil fuq dan. **Dok 2**.<br>• Il-Kunsill Lokali ġew infurmati mid-Direttur Ġenerali li 'l quddiem kull kunsill li jrid vettura elettrika, biex taqdi lir-residenti tal-lokal, ser ikun allokat waħda bla ħlas u rifużjoni tal-paga ta' xufier għall-ewwel sentejn. Kien hemm qbil fuq dan u fuq li l-kunsill jitlob lid-DG biex minflok vettura tal-passiġġieri, ningħataw vettura li tista iġġorr l-għodda u affarijiet kbar u tintuża għall-ħaddiema tal-Kunsill.<br>• Il-Kunsill għandu talba biex isir tower crane fi Triq Filippu Farrugia. Ser jintalab aktar informazzjoni.<br>• Talba biex isir pole viċin garaxx fi Triq il-Karmnu għax qed ikollhom ostakoli mill-vetturi u ma jkunux jistgħu jaċċessaw il-garaxx tagħhom. Kien hemm qbil li ssir. **Dok 3** |
| | | |
| ***23.9*** | | ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tar-Reġjun Punent.*** |
| | | |
| 23.9.1 | | Tressqu l-minuti tar-Reġjun Punent numru 57. |
| | | |
| ***23.10*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 23.10.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 4** għall-ammont totali ta'€53,982.93<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-Kunsilliera Kyle Mifsud u Dino Bonnici. |
| | | |
| ***23.11*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS u TAL-LAQGĦA ANNWALI*** |
| | | |
| 23.11.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-20:30. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar il-Erbgħa 29 ta' April, 2026 fis-6:00 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum ___ ta' April, 2026

Rita Grima
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**